MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru 321/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Christian Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Christian Brincat ta’ 20 sena imwieled Pieta’ bin Joseph u Frances nee’ Mifsud u residenti ‘Audrey Ann House’ Triq il-Qulla, Zebbug detentur ta’ karta ta’ identita numru 540780(m) akkuzat talli:

1 l-lejl ta’ bejn 20 u il-21 ta’ Mejju 2000 gewwa l-Gzira cioe’ Triq Testaferrata ghal habta tas-2.00p.m. attakka jew

ghamel resistenza b'vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' WPS-45, PC-1183 Oliver Borg, PC-365 M. Grixti, PC-1086 J. Micallef, persuni inkarigti skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti bi ksur ta' l-Artikolu 96 u 97(a) tal-Kodici Kriminali;

2 fl-istess data, hin u cirkostanzi ngurja jew hebb jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC-1183, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' l-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

3 fl-istess zmien u cirkostanzi permezz ta' karozza numru IBE-568 tal-marka Fiat Punto ikkaguna feriti ta' natura hafifa, salv komplikazzjonijiet, fuq il-persuna ta' PC-1183 Oliver Borg kif iccertifika Dr. R. Tonna tac-Centru tas-Sahha;

4 fil-lejl ta' bejn l-20 u 21 ta' Mejju 2000 ghal habta ta' xi 2.00a.m. saq vettura IBE bi speed eccessiv, manjiera perikoluza, negligenti u traskurata u bla kont u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kap 65;

5 fl-istess data, hin u cirkustanzi saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu bi ksur tal-MVR 127;

6 fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (pulizija) fil-qadi ta' dmirijietu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'diversi reati li ghandhom l-origini f'incident wiehed li gara fil-lejl bejn l-20 u l-21 ta' Mejju 2000 fi Triq Testaferrata, Gzira. Il-fatti fis-semplicita taghhom juru li waqt li l-pulizija kienu qed jesegwixxu xi tficcija f'appartament fl-istess triq osservaw lill-imputat jittransita dina t-triq fi zgur ghall-tlett darbiet. Il-pulizija stqarrew li f'dawn l-okkazzjonijiet l-imputat kien qieghed isuq b'velocita eccessiva, li naqas li jieqaf meta intimat biex jaghmel hekk mid-WPS 45, li mal-intimazzjoni zied il-velocita' u li f'dan it-tangent laqat bi zbixx lill-PC-1183 li minhabba f'hekk sofra griehi ta' natura hafifa. Dawn il-fatti fuq imsemmija jinsabu dedotti fl-akkuzi odjerni bl-imputat ikun akkuzat taht l-Artikolu 95, 96, 221, 338(ee) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a)(2) u 18 tal-Kap 65 u taht ir-regolament 127 tal-'Motor Vehicle Regulations'.

Referenza l-akkuzi li jaqghu taht l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 (l-ewwel u t-tieni) il-qorti ghandha s-segwenti xi tghid: In kwantu l-Artikolu 95 jirrisulta wisq car mill-provi li fil-kors tal-incident, li hu l-origini tal-odjerni proceduri, PC-1183 safa korrut, anka jekk ljevement, kagun is-sewqan tal-imputat. F'dan il-kuntest huwa l-Artikolu 221 tal-Kodici li jistabilixxi l-piena applikabbli b'zieda ta' grad a tenur tal-Artikolu 95 stante li l-vittma hi persuna inkarigata minn servizz pubbliku li kienet qeghdha tesegwixxi dan is-servizz;

Li in kwantu l-Artikolu 96, li jittratta l-attakk u resistenza, il-ligi tirrikjedi li tkun "bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika" li l-gurisprudenza stabbilita identifikat filli "irid jkun hemm, fost affarijiet ohra u bhala minimu, xi forma ta' forza illegittima diretta lejn, jew ezercitata fuq, <u>il-persuna</u> inkarigata skond il-ligi minn

servizz pubbliku [b'daqstant] li l-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata [t]ikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira" (Appell deciz 26.01.99 – Il-Pulizija vs Stephen Borg). Issa fil-kaz in meritu din il-forza hi riflessa fl-agir tal-imputat li intimat biex jieqaf, accellera, bil-konsegwenza li ghadda bi zbrixx minn mal-kuntestabbli. L-imputat iggustifika l-agir tieghu billi stqarr li beza minhabba li haseb li kien ser isir xi "hold up" fuqu u li ma kienx intebah sa dak il-hin li l-persuni kienu pulizija stante li kienu libsin pajzana. Li ndipendentement mix-xhieda tal-pulizija fir-rigward din il-qorti mhux qed teskludi din il-possibilta u thoss li ghandha tohodha in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni tal-piena. Issibha izda difficli li taghti kredibilita lill-imputat li wkoll stqarr li kien qieghed isuq b'velocita' "normali" u li kien qieghed f'dak il-hin bikri ta' filghodu ifittex hanut specifiku. Hu difficli wkoll li din il-qortitaghti kredibilita lill-imputat filli ma ntebahx li l-persuni kienu pulizija ghaliex il-fatti juru li kif hu accellera gie imblukkat minn vettura tal-pulizija li allura kienet fuq il-post u li certament l-imputat seta' jinduna biha. Il-qorti taghmilha cara hawnhekk li mhiex qeghdha timputa ebda intenzjoni 'hazina' fl-imputat ghall-fatt li hu tela u nizel it-triq ghall-darbtejn/tlieta b'certa velocita u temmen li hu aktar verosimili li l-imputat inhasad meta gie rinfaccjat minn pulizija libsin pajzana f'dawk il-hinjiet bikrin ta' filghodu. Hu x'inhu l-kaz pero l-imputat certament ma jistax jippretendi li jkun totalment ezimi minn kull responsabilita ghal dak li ghamel u kwindi jrid jirrispondi tal-agir tieghu. Li in kwantu ghall-akkuza ta' sewqan perikoluz, negligenti u traskurat il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tikkonsidrah negligenti biss u oltre li l-istess cirkustanzi jikkostiwixxu ragunijiet specjali u straordinarji sabiex l-qorti tinzel taht il-minimu bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap 9 billi ma timponix piena karcerarja izda multa.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, rat l-Artikolu 95, 96, 221, 338(ee) u 17 tal-Kap 9, ir-regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations u l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u tikkundannah Lm150 multa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------